# JUDITH

*Novella ta'* PAWLU MIFSUD

Meta wasalna Portmadoc kienu saru s-sebgħa ta' fl-għaxija. Konna ferm għajjiena wara tmien sigħat ferrovija mingħajr waqfien ta' xejn. U billi kien għoddu dalam kelli seba' mitt sena nsib id-dar fejn kellna noqogħdu jien u sieħbi John. Għalhekk, bla tnikkir xejn, niżżilt il-bagalja tqila mill-ixkaffa tax-xibka fil-vagun fejn konna, kaxkartha tul il-kuritur dejjaq u ma' l-ewwel bieb għal barra qbiżt fl-art fl-istazzjon. Sieħbi John għamel bħali.

Il-ferrovija tat tisfira oħra, il-magna reġgħet bdiet tkarwat, ir-roti qarmċu u fi ftit ħin ieħor kienet telqet biex tissokta t-triq li kien fadlilha. Sieħbi John u jien sibna ruħna weħidna. Kien hemm x'erbgħa min-nies oħra li kienu niżlu magħna imma dawn donnhom kienu midħla tal-post u jafu sew x'kellhom jagħmlu u fejn se jmorru. Kollha ħarġu bilġri mill-istazzjon u telqu lejn darhom. Aħna t-tnejn biss bqajna qisna żewġt erwieħ mitlufa.

"X'se nagħmlu?" staqsejtu nitbissem.

"Jien daqsek naf," qalli.

Daqsxejn ta' żagħżugħ, liebes l-uniformi sewda, resaq lejna, talabna l-biljett tal-ferrovija u qata' nofsu għalih. In-nofs l-ieħor tahulna lura. Dan kien se jservina biex nerġgħu lura bih lejn Londra fi żmien tliet ġimgħat oħra.

"Hawn qisna ġejna Had-Dingli," qalli John bid-daħka. "Xi kwiet hawn."

"Int aqbad ħwejġek u imxi warajja," weġibtu jien. "Issa nsaqsu 'l xi ħadd fit-triq."

U ħriġna barra mill-istazzjon.

Lanqas ilħaqna rfisna fit-triq li ma resaqx wieħed xiħ fuqna, sellimilna u offrielna li jwassalna bil-karozza żgħira tiegħu. Bżajt li se nonfqu xi partita flus ta' dik il-kirja u għalhekk staqsejtu: "Hawn xejn bogħod għal Garth Terrace?"

"Hawn biċċa ġmielha. U t-triq għat-telgħa," weġibni. U mbagħad issokta: "Fejn tridu tmorru sewwa?"

Qabeż John u qallu: "Għand Mrs. Hughes ta' Gwynle House. Taf fejn?"

"Dik nafha ħafna. Irkbu ħa nwassalkom." U qabad il-bagalji tat-tnejn u mexa bihom lejn il-karozza. Aħna ma tkellimna xejn u dħalna bil-qiegħda fil-bank ta' wara. U l-ħabib xwejjaħ tagħna saqna 'l hemm u f'kemm ili ngħidlek ħadna fejn kellna naslu.

Meta ġejt biex inħallsu qalbi għamlet tikk għax bżajt li se

jitlobna xi lira, imma, bi tmintax irbiegħi kull wieħed fiqna. U ħadt ir-ruħ għax ngħidlek li konna rridu għoxrin minuta biex niġu bil-mixi l-iktar minħabba l-bagolli tqal li kellna.

Mrs. Hughes kienet qiegħda tistenniena. Jiena kont ktibtilha minn Londra u għidtilha meta u x'ħin kellna naslu u hi kienet weġbitni biex tgħidli li kollox kien sewwa. Sellimna bil-qalb lil xulxin, għedna x'erba' kelmiet oħra, l-iktar fuq il-vjaġġ li kellna, u mbagħad, din il-mara xwejħa għamlet sinjal lil bintha biex ittellagħna fuq u turina l-kamra li kienet hejjiet għalina.

Ngħid is-sewwa lanqas kont intbaht b'din bintha li kienet imrekkna wara purtiera ħoxna. Imma meta dehret quddiemna u ddeffset bejnietna biex nitilgħu t-taraġ warajha, jien u John ħarisna lejn xulxin imbissma u b'dik it-tikmixa fuq xufftejna li riedet tfisser: "Prosit ħej, x'naqra ta' tfajla din! Hawn mhux se nkunu weħidna."

Tabilħaqq. Kienet tfajla mogħla hawn, xagħarha safrani u wiċċha tond bajdani u għajnejha sbieħ koħol. Stħajjiltha anġlu milli jżejnu bih il-mistraħ tar-raħal tiegħi f'jum il-festa. Xi ġmiel!

Urietna l-kamra tagħna, fetħitilna t-tieqa għall-arja, tbissmitilna waħda kbira li ħassejtha nieżla bnina daqs l-għasel f'qalbi, u mbagħad telqet 'l isfel b'tixjira ħafifa ta' idejha. Kliem, imma, xejn li xejn.

Għalaqt il-bieb tal-kamra u qbadt inħott ħwejġi mill-bagalja biex inpoġġi kollox f'postu fil-kxaxen tal-gradenza u fl-ispallieri tal-gwardarrobba. John poġġa bil-qiegħda fuq pultruna u ma mess xejn b'idejh. Kien jidher għajjien aktar minni u ried jieħu ftit nifs qabel jirranġa ħwejġu.

"Xi tgħidli għal dik it-tfajla, John?" għedtlu jien biex inkun għedt xi ħaġa.

"Id-dinja! Xi ġmiel ta' sieħba dik," qalli. "Imħatra ħadt grazzja magħha, Lipp?"

"Inġbidt lejha aktar minn kalamita. Imqar li kelli nakkwista waħda bħalha, kieku żgur nizżewwigħha avolja qatt ma kelli ħajra ngħarraqha s'issa," weġibtu f'nifs.

"Għandek hawn tliet ġimgħat. Tilħaq tidraha sew u tara naqra waħda x'issarraf, imma, tibdiex thewden minn issa. Ftakar li hawn ma ġejniex xalata. Titlifx rasek, Lipp, għax inkella addiju eżami u addiju diploma u addiju kollox."

Konna ġejna hawn għal tliet ġimgħat ma' xi studenti oħra mill-Università ta' Londra biex ngħallmu l-Ingliż fl-iskejjel primarji ta' North Wales. Maltin konna biss John u jien, mill-bqija kien hemm tfajliet u ġuvintur minn kull naħa tad-dinja: suwed, kannella, sofor u x'naf jien. Ilkoll konna ġejna għal żmien ta' prova fi skejjel differenti ta' din in-naħa u konna nistennew li niġu spezzjonati xi

ħames jew sitt darbiet mill-professuri tagħna qabel niksbu d-diploma fit-tagħlim tal-Lingwa Ingliża.

Siegħa wara, leħen ta' raġel kellimna minn qrib il-bieb ta' kamritna biex igħarrafna ninżlu isfel għaċ-ċena. Qgħadna f'naqra ta' kamra pulita b'mejda fin-nofs imħejjija għal tnejn. Iċ-ċena kienet ikla ħafifa għall-aħħar: platt insalata bis-salami u ftit kemmxejn ħobż bil-butir, bieqja frott tal-bott bi ftit krema fuqu, u kikkra tè taħraq.

Newlitilna l-platti u daret magħna l-omm. It-tfajla ma dehret qatt iktar 'l hemm dik il-lejla. Stħajjilt li baqgħet fil-kċina tlesti l-ikel għalihom u taħsel il-platti, jew tagħmel xi faċenda oħra fid-dar. Il-missier ġie u qagħad jitkellem magħna fis-salott għal xi siegħa u mbagħad skuża ruħu u mar ikompli ma' martu u bintu fil-kamra ta' ġewwa. Domna nisimgħu t-treddin tagħhom b'lingwa li ma nifhmux sa siegħa tard u meta dehrilna, John u jien, tlajna 'l fuq mill-ġdid lejn kamritna biex nistrieħu u norqdu. L-għada ridna naqbdu l-karozza tat-tmienja biex kull wieħed minna jibda x-xogħol fl-iskola tiegħu.

Fil-għodu qomna u nżilna għat-tè ftit wara s-sebgħa u kwart u din id-darba t-tfajla ġiet iddur bina hi. Newlitilna l-ħobż mixwi u l-bajda moqlija bil-perżut, u kull tant kont naraha tħares lejna u titbissem. Kelma li kelma, imma, baqgħet ma qalitx. Jien waħħalt f'rasi li nkellimha u ma' l-ewwel waqt li sibt staqsejtha: "Qajjimniek kmieni llum, hux?" Tweġiba ma tatnix u mid-dehra lanqas kienet intebħet li kellimtha għax issuktat ixxekkek 'l hawn u 'l hinn qisu ħadd ma kien qallha xejn.

Kienet semgħetni ommha, minflok, u ġiet tiġri dlonk mill-kċina ħdejna biex kieku twieġeb għaliha hi. Qaltilna biex niskużawha lil Judith — hekk kien jisimha mela! — għax dik ma kenitx tkun taf x'aħna ngħidu. Għax Judith kienet muta u truxa mit-twelid. Hi u żewġha kienu jiftehmu magħha kollox bis-sinjali.

Din l-aħbar ta' swied il-qalb għaġġbitni għall-aħħar u, ngħid għalija, ħassejt qalbi tingħafas u fommi jitbikkem. Ma kienx fiha ħasra, jewwilla, xebba sabiħa bħal dik nieqsa mill-kliem u mis-smigħ! Għalhekk, nifhem jien, kienet qiegħda tinħeba minna daqstant. Kienet tistħi u tħossha titħawwad meta tara lilna nitkellmu quddiemha u hi tibqa' ma taf qatt x'qegħdin ngħidu jew x'nixtiequ nwasslulha. U tħassartha tant lil Judith li x-xrara ta' mħabba li kienet kibset f'qalbi għaliha awl il-lejl, minflok ma ntfiet u kesħet quddiem dan id-difett fiżiku tagħha, kompliet tħaġġaġ u taqbad f'ħuġġieġa nar. Fhimt li qalbi kienet sfat mirbuħa għal kollox minn din t-tfajla u ma stajt ninsieha qatt.

Jum wara l-ieħor il-ħajja tiegħi u ta' sieħbi John f'dik id-dar saret waħda ta' hena u mistrieħ. Sirna qisna tnejn ta' ġewwa u, fil-għodu qabel ix-xogħol u fl-għaxija wara l-iskola, konna nfittxu lilhom u huma lilna biex nitkellmu bejnietna u nifirħu b'xulxin. Jien, ngħid għalija, kont nitkellem mill-inqas u l-ftit li kont ngħid kien ikun biex inkompli magħhom. Moħħi kien intafa' jhewden fuq Judith u ma kontx noħlom ħaġa oħra għajr li nsib il-mod u l-ħin biex nuri lil din it-tfajla bl-imħabba li kelli f'qalbi għaliha.

Imma Judith ftit kienet tersaq lejna weħidha u dejjem stenniet li jkun hemm ommha jew missierha qrib biex tiġi ħdejna. Kont nara x-xenqa kbira tagħha li tkun taf x'aħna ngħidu u, kultant ommha kienet titħajjar tfiehemha bis-sinjali. U malli taqbad xi ħaġa, araha tieħu gost, titbissem u tħares lejna t-tnejn. Għajnejha kienu jibbru bil-ferħ qisu jridu jkellmuna huma. Saret taf li John kien miżżewweġ u kellu ġa żewġ subien u li jien kont għadni ġuvni bla ebda rabta ta' xejn. Saret taf li x-xogħol tagħha fid-dar, l-iktar li ddur bina mill-aħjar li tista' u taqdina f'kollox, kien apprezzat ferm minna. U saret taf ukoll li jien xtaqt neħodha miegħi Malta biex tqatta' xahar btala ħalli tgwdi x-xemx u l-baħar li huma tant kienu mixteqin minnhom. Din il-proposta għoġbitha sħiħ lil Judith għal-kemm ommha u missierha deħru bierda u ma tawni l-ebda kelma soda.

John intebaħ bil-ġenn tiegħi għal din it-tfajla mskejna imma ta' ħabib li kien ħass li ma kellix nintilef u nagħma fil-bluhat tiegħi wara tfajla barranija li kellha nuqqasijiet serji. Kien jifhem il-konsegwenzi li setgħu jinqalgħu 'l quddiem. Għaldaqstant wissieni kif kien jixraq. Qalli li l-familja tiegħi kienu żgur jopponu żwieġ ma' tfajla immankata meta s-saħħa fi ħwejjeġ bħal dawn hi l-aqwa dota. U xi ngħidu, imbagħad, għal ilsien in-nies ta' raħli fejn kulħadd ħsiebu fis-salib ta' l-ieħor! U għal waqt wieħed ħassejt li John kellu mitt elf raġun u li dan il-ġenn tiegħi kien jeħtieġ jintemm minnufih. Għamiltha f'moħħi li fuq din il-biċċa ma naħsibx iktar.

Lejla waħda, xi ġimgħa wara dan, sibt ruħi d-dar waħdi ma' Judith. Wara ċ-ċena, ommha u missierha libsu pulit u ħarġu mid-dar biex imorru jżuru xi ħbieb. Sieħbi John kien mar jiltaqa' ma' xi studenti oħra fix-'Ship & Castle' biex igħaddu sagħtejn jiddieħku u jixorbu l-birra. Jien bqajt ġewwa u qgħadt fis-salott fejn kien hemm in-nar imkebbes u nxtħett naqra ktieb għas-sħana. Barra kien il-ksieħ u x-xita nieżla rqiq.

Judith baqgħet fil-kċina tnaddaf imma, malli ħelset, ġiet ma' ġenbi fil-kamra fejn kont. Poġġejt fuq sufan ftit 'il bogħod u dlonk ħarset għan-naħa tiegħi b'dawk l-għajnejn sbieħ qisha tridni nkel-limha. Kif stajt, bis-sinjali ta' idejja, qbadt infiehemha li kull ma

kien fadlilna ngħaddu hemmhekk kienu biss jumejn u mbagħad konna nitilqu lura lejn Londra. Kemmxet xufftejha biex turini li ma xtaqitx li nitilqu. Tkellimt fuq ix-xogħol tiegħi ta' l-iskola u ħafna ħwejjeġ oħra li ma niftakarx. Ħriġt il-kartiera mill-but u wrejtha xi ritratti tiegħi mal-ħbieb ħdejn il-baħar jew fil-kampanja. Hi qamet u ġabet xi ritratti tagħha. Resqet aktar qrib u hekk imgeddsin domna siegħa sħiħa nittamaw inferrgħu qalbna wieħed lil oħra. U f'waqt minnhom, meta r-ras tagħha niżlet tistrieħ kemmxejn fuq spallti u għajnejha daru lejja b'xenqa ta' mħabba u bit-tama li ssib qalb oħra li tħobbha u tifhimha, jien, bla naf kif, ħtaftilha idejha f'tiegħi u għafasthom kemm kelli ħila. Hi ma tnaffritx. U jien kieku ridt inħaddanha sewwa miegħi u nagħtiha bewsa fuq xofftejha żgħar. Ma nafx x'kont nagħmel, tabilħaqq, imma f'dak il-waqt smajt il-bieb ta' barra jinfetaħ. Inħsadt. Qomt u mort poġġejt fuq pultruna ftit 'il bogħod u hi, għax tgħid, intebħet x'kien ġara u rranġat ruħha sewwa tistenna li jidħol xi ħadd ħdejna dlonk.

Tfaċċa missierha u meta rana t-tnejn kwieti baqa' qisu xi ftit mistagħġeb imma għamel ta' birruħu li ma ġara xejn u raġa' ħareġ. Ġie ftit wara u għamlilha sinjal biex tmur thejjilu kikkra te taħraq. Lili stedinni mmur fil-kamra l-oħra biex noqogħdu naraw it-Televiż u għalkemm ma kellix ħajra nqum għamilt dak li xtaq hu. Moħħi kien għadu mitluf ihewden u johlom bl-imħabba li ħakmitni f'salt wieħed għal Judith, u qalbi ma kienet tixtieq xejn g[illegible] li [illegible]għmel tagħha lil dik it-tfajla muta għal kollox u għal [illegible]m. Fehemti kienet waħda: li jien u Judith inkunu ta' xulxin.

Meta John raġa' lura mill-'pub' fittixt għedtlu b'kollox u tlabtu jagħtini l-parir tiegħu kif inkun nista' nfisser ruħi lil Judith u nuriha ċar li xtaqt nagħmilha marti. John deher imħawwad. Il-birra li kien xorob ma kenitx tħallih jaħseb ċar biżżejjed. Jista' jkun li l-kliem tiegħi ħasdu għall-aħħar u ma kienx jaf x'jaqbad iwieġeb. Qalli biex għal dik il-lejla nħallu kollox ingħaddi bil-kwiet u mbagħad l-għada fil-għodu, meta l-fawra tal-ġenn kienet tkun intfiet u birdet xi ftit, hu kien jara u jiddiskuti l-affari miegħi bil-kwiet u bil-għaqal kollu.

Għadda jum ieħor u jien xorta bqajt bl-istess ħsieb f'rasi: lil Judith ridt nuriha li nħobbha minkejja kollox mill-iktar fis. John baqa' pass lura u l-parir li tani kien xott kemm jista' jkun. Qalli li l-għada kien l-aħħar jum tagħna f'dik id-dar u kien iħossu żgur li meta darba nkunu tbegħedna minn hemm għal kollox jien kont nasal biex ninsa 'l Judith daqs li kieku qatt ma għexet f'ħajti. Talabni biex inrażżan lili nnifsi għal ftit siegħat oħra u nibqa' ma nuriha xejn bil-fehma tiegħi. Jien kont naħsibha mod ieħor imma

n-nuqqas ta' ħila fija żammni lura u bqajt bqajt biex għamilt dak li qalli ħabibi John.

Qabel irqadna John għarrafni li l-għada kellna niċċelebraw l-aħħar lejla f'Portmadoc b'party kbira fil-Lukanda 'The Sportsman'. Kellu jkun hemm il-professuri kollha tagħna kif ukoll l-istudenti u bosta ħbieb oħra ġodda. Kont naf li ma stajtx nonqos għaliex minbarra li ħafna kienu ilhom il-jiem jistaqsu għalija ma kienx ikun xieraq li niskarta għal din l-okkażjoni ta' ferħ ukoll. U lil John tajtu l-kelma li mmur.

Fis-sitta ta' dik l-aħħar lejla tagħna f'North Wales, John u jien konna ninsabu fil-lukanda 'The Sportsman', l-ikbar waħda ġewwa Portmadoc. Kien hemm jistennewna l-istudenti kollha, tfajliet u ġuvintur, li daru magħna dlonk, l-iktar miegħi, u bdew itaptpuli fuq dahri waħda f'waħda.

"Fejnha rasek, Phil?" staqsewni xi tnejn minnhom. "Kemm kont imħabbat f'dawn it-tliet ġimgħat biex mank ħallejtna narawk naqra!"

Kiem bħal dan tani x'nifhem li John kien tarraf il-ġrajja ta' mħabba tiegħi lil xi ħadd fosthom u, ma jistax jonqos, il-ħarira ġriet u l-biċċa sar jaf biha kważi kulħadd. Kelli, għalhekk, nitqanna u ma nweġibhom xejn. Xrobna flimkien kemm-il darba, u mal-professuri wkoll li ferħu jarawni hemm f'dik il-lejla. Wara l-whisky tajnieha għall-birra u f'ħin minnhom John u jien sibna ruħna fuq mejda f'rokna bit-tazza kbira tal-'bitter' quddiemna, bil-karawett mielaħ f'idejna u s-sigarrett idaħħan bejn xufftejna. Konna nieklu, nixorbu u npejpu ferħanin issa li l-kors kien wasal fit-tmiem u l-għada kellna nerġgħu lura lejn il-għagħa u t-tlellix ta' Londra.

Inzerta kien hemm ukoll fuq il-mejda tagħna s-surmast ta' l-iskola ta' Portmadoc li bħal surmastrijiet ta' skejjel oħra kien ġie mistieden għall-festa ċkejkna ta' dik il-lejla. Malajr qbadna diskursata twila, issa fuq l-istudju tagħna u issa fuq il-gżira żgħira li fiha twelidna, Malta. Tkellimna fuq mitt ħaġa oħra sakemm sa fl-aħħar, ma nafx għaliex, ried jaf fejn konna alloġġati tul dawn it-tliet ġimgħat ġo North Wales.

"Għand Mrs. Hughes," għedtlu jien.

"X'Mrs. Hughes hi?" qalli bid-daħka; "Għax hawn Hughes issib kemm trid?"

"Dik li toqgħod f'Garth Terrace, dar kbira fit-telgħa ta' wara l-posta. Id-dar jisimha Gwynlle..." issuktajt infiehmu jien.

Imma billi kien qisu għadu ma ġiex fiha min kienet din Mrs. Hughes, qabeż John u qallu dak li jien bżajt intarraflu biex ikun jista' jintebah sewwa.

"Għandha tifla waħda, sabiħa, jisimha Judith."

"Tgħiduli xejn għax naf min hi. Meta semmejt 'Judith' ġejt fiha mill-ewwel għax mhux żgur hawn oħra jisimha bħalha f'Portmadoc. Xortiha ħażina dik it-tfajla, miskina," qal f'nifs wieħed Mr. Jones, is-surmast ħabib ġdid tagħna.

"Muta u truxa hux?" stqarrejt jien bil-qajla qisni beżgħan li se nikxef xi sigriet.

"Mhux hekk biss," issokta jgħidilna hu, "imma dik kienet iżżewġet lil wieħed suldat Ingliż xi tliet snin ilu. Kien ġie stazzjonat hawn għal ftit taż-żmien u qalbad magħha. U wara sena telaq u ħallieha warajh. Ma riedx jaf biha aktar. Min jaf x'sar minnu llum?"

Din l-aħbar xejn mistennija bikkmet kemm lili kif ukoll lil John. Min qatt kien jobsor li Judith kienet miżżewġa? U kif baqgħu ma qalu xejn fuq hekk la hi u lanqas ommha u missierha? U mbagħad fuq kollox, għaliex kelli niġġennen wara waħda li kienet diġà tat qalbha lil ħaddieħor?

Ħarist lejn John u fhimt li kien iħoss ruħu mistagħġeb għallaħħar. Imma aktar milli sewditlu qalbu kien jidher kuntent u moħħu mistrieħ b'din l-aħbar. U dan minħabba fija. Kien iħossu żgur li jien kont issa naqta' jiesi darba għal dejjem minn Judith u li qatt ma kont se nasal niżżewweġ waħda li ġa ntrabtet ma' bniedem ieħor ukoll jekk dan daħak biha u ħarbtilha ħajjitha.

U jien? Għal waqt wieħed bqajt issummat mingħajr ma lissint kelma waħda. Ħassejt l-għaraq kiesaħ ixoqq għalija. Ħassejtni nistordi u l-għeluq t'hemm ġewwa ħabat iġibli l-ħass ħażin. Idduħħan tas-sigarretti u r-riħa tax-xorb kienu bdew iqallbuli l-istonku u l-menti. Ħassejt f'daqqa waħda l-bżonn li neħles minn hemm fis u noħroġ għall-beraħ ta' barra. Ridt inxomm issa l-arja friska li ma kenitx imniġġsa bin-niket u l-qrusa tal-ħajja. Ridt noqgħod waħdi biex insib il-faraġ fit-tħewdin ta' moħħi tqil. U fi ftit ħin ieħor rajt kif skużajt ruħi minn Mr. Jones u ħabibi John u ġbidt dritt għall-bieb ta' barra. Xi ħadd li rani ħiereġ għajjatli biex igħidli li kienet nieżla x-xita. Ma tajtx kas. Irfist barra mill-bieb u tlaqtilha nimxi ma nafx il fejn sewwa. Ixxarrabt għasra imma ħassejtni nistrieħ. Erġajt lura lejn id-dar xi sagħtejn wara u dħalt norqod bla ma kilt jew kellimt 'il ħadd. John kien għadu ma daħalx imma meta ġie lura baqa' ma kellimni xejn li xejn fuq il-biċċa. Il-għada filgħodu tlaqt minn dik id-dar qisu qatt ma kien xejn. Sellimt lil Judith imma nfridt minnha qisni qed inħalli warajja tarbija ta' sena. Qalbi kont inħossha kiesħa silġ u moħħi kwiet u ħieles minn kull dell ta' ħsieb.

Għaddew iktar minn tliet snin minn dik id-darba li kont sibt ruħi fid-dar tas-sbejħa Judith ġewwa Portmadoc. Ninsab illum mill-

ġdid fid-dar t'ommi u għalkemm it-tletin sena ili ftit li għalaqthom għadni ma żżewwiġtx u, s'issa, m'għandi l-ebda ħajra li ngħarraqha. Inħoss li l-imħabba daħket bija, ma sibtx xorti magħha, u għalhekk, ma għandix x'irridha. Għaddej tajjeb ħafna mingħajr mara u mingħajr imħabba. Fi ftit kliem inħoss li ż-żwieġ mhux tajjeb għalija. Dik hi l-affari kollha!